StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

**IL-**
**5 – 6 –**

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-ĦIN: 15-il minuta** |
|---|---|---|

**Il-Karta tal-Għalliema - Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

1. Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u l-istudenti jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

| **L-Istruzzjonijiet għall-Ewwel u t-Tieni Silta:** | |
|---|---|
| **1.** | ▪ L-istudenti jintalbu jiftħu l-karta.<br>▪ L-għalliema jaqraw is-silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| **2.** | ▪ Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tas-silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| **3.** | ▪ L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba.<br>▪ L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |

**L-Ewwel Silta** **In-Naħal** **(5 marki)**

Meta jgħidulek "bieżel daqs naħla" ikunu qegħdin jgħaddulek kumpliment minħabba li n-naħal jaħdem ħafna. In-naħal jagħmel l-għasel biex jagħtih liż-żgħar tiegħu.

Hu jgħaddi parti kbira minn ħajtu jittajjar bejn ix-xehda u l-fjuri biex jiġbor in-nektar. Fix-xehda, grupp ieħor ta' naħal jibdel dan in-nektar f'għasel. L-għasel żejjed iżommu għal meta ma jsibx nektar għax ma jkunx hemm fjuri.

L-aktar għasel imsemmi għat-togħma tiegħu f'Malta hu dak tas-sagħtar. Dan jiħduh mill-fjuri tal-pjanti tas-sagħtar. Ħafna jħobbu wkoll l-għasel li ġej mis-siġar tal-larinġ, tal-lumi u frott ieħor simili.

Mingħajr in-naħal ħafna mill-fjuri ma jipproduċux żerriegħa u jinqerdu. Meta n-naħla tagħtik ix-xewka tagħfashiex u idlek ftit ingwent ta' kontra l-gdim.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taħriġ A:** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Bħala kumpliment jistgħu jgħidulek li inti bieżel daqs naħla. | **veru** | **falz** |
| **2.** | In-naħal iġib in-nektar minn fuq il-fjuri tas-sagħtar biss. | **veru** | **falz** |
| **3.** | L-iktar għasel Malti li għandu togħma tajba hu dak tas-sagħtar. | **veru** | **falz** |
| **4.** | Mingħajr in-naħal il-fjuri jipproduċu ż-żerriegħa xorta waħda. | **veru** | **falz** |
| **5.** | Ix-xewka tan-naħla taqlagħha billi tidlek ftit butir. | **veru** | **falz** |

**It-Tieni Silta** **Is-Sulfarina** **(5 marki)**

F'ġurnata tal-vaganzi, Kevin u żewġt iħbieb oħra qagħdu fil-kċina jilagħbu u jagħġnu l-għaġina.

Xtaqu ħafna jixegħlu s-sulfarini. Omm Kevin qaltlu biex ma jmissux is-sulfarini iżda t-tifel ma obdiex. Omm Kevin niżlet tiġri minn fuq għax xammet riħa ta' ħruq. Riedet tkun taf il-verità iżda t-tfal ma tkellmux. Għalhekk qaltilhom biex kulħadd jieħu sulfarina ġdida mill-kaxxa li kellha f'idha. Qaltilhom li issa ta' min tkun l-itwal ikun il-giddieb.

Meta kejlithom sabet li ta' Kevin kienet l-iqsar. Kevin kien qabad u qata' biċċa mis-sulfarina li kellu għax beda jibża' li tiegħu se tkun itwal minn tal-oħrajn u b'hekk jinqabad li kien hu!

**Taħriġ B:** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Kevin u l-ħbieb qagħdu jilagħbu | | fil-kċina. |
| | | | fis-salott. |
| | | | fil-kamra tas-sodda. |
| **2.** | Meta xammet ir-riħa, omm Kevin niżlet minn fuq | | bil-mod. |
| | | | malajr. |
| | | | bil-pass il-pass. |
| **3.** | Omm Kevin riedet taf min kien li qabbad | | il-forn. |
| | | | is-sulfarini. |
| | | | il-barbikju. |
| **4.** | Is-sulfarina ta' Kevin kienet | | l-itwal waħda. |
| | | | l-iqsar waħda. |
| | | | daqs tal-oħrajn. |
| **5.** | Kevin ħaseb li issa ommu se ssir taf li għamel | | ħażin. |
| | | | tajjeb. |
| | | | ħuġġieġa. |

**TMIEM IL-KARTA**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

IL-LI[illegible]
5 – 6 –7

StudentBounty.com

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** __________

**MARKA**

**Il-Karta tal-Istudenti**

**Aħdem dan it-taħriġ skont is-siltiet li smajt.**

**Taħriġ A:** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Bħala kumpliment jistgħu jgħidulek li inti bieżel daqs naħla. | **veru** | **falz** |
| **2.** | In-naħal iġib in-nektar minn fuq il-fjuri tas-sagħtar biss. | **veru** | **falz** |
| **3.** | L-iktar għasel Malti li għandu togħma tajba hu dak tas-sagħtar. | **veru** | **falz** |
| **4.** | Mingħajr in-naħal il-fjuri jipproduċu ż-żerriegħa xorta waħda. | **veru** | **falz** |
| **5.** | Ix-xewka tan-naħla taqlagħha billi tidlek ftit butir. | **veru** | **falz** |

**Taħriġ B:** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Kevin u l-ħbieb qagħdu jilagħbu | | fil-kċina. |
| | | | fis-salott. |
| | | | fil-kamra tas-sodda. |
| **2.** | Meta xammet ir-riħa, omm Kevin niżlet minn fuq | | bil-mod. |
| | | | malajr. |
| | | | bil-pass il-pass. |
| **3.** | Omm Kevin riedet taf min kien li qabbad | | il-forn. |
| | | | is-sulfarini. |
| | | | il-barbikju. |
| **4.** | Is-sulfarina ta' Kevin kienet | | l-itwal waħda. |
| | | | l-iqsar waħda. |
| | | | daqs tal-oħrajn. |
| **5.** | Kevin ħaseb li issa ommu se ssir taf li għamel | | ħażin. |
| | | | tajjeb. |
| | | | ħuġġieġa. |

**Tmiem il-Karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

**IL**
**5 –**

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ____________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-MARKI | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

**Kummenti:**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Xita ta' Tiġieġ



Cassie Bernard, tfajla Amerikana ta' tlettax-il sena, kienet qiegħda titgħallem tirkeb iż-żiemel. Darba, waqt waħda minn dawn il-lezzjonijiet, seħħet ġrajja stramba. **(par. 1)**

Cassie ħarġet iż-żiemel mill-istalla u bla telf ta' żmien bdiet il-lezzjoni tagħha. Lanqas laħqu għaddew għaxar minuti li mis-sema ma taqax biċċa tiġieġa nejja li tinżel b'sabta fuq ras Cassie. Mad-daqqa wiċċha sar **isfar mewt**, intilfet minn sensiha u waqgħet minn fuq iż-żiemel. **(par. 2)**

Minn fejn **setgħet** waqgħet dik il-biċċa tiġieġa? Wara stħarriġ fit-tul, il-pulizija skopriet li dik ma kinitx l-unika biċċa tiġieġa nejja li kienet waqgħet fl-inħawi. Bħalha kien hemm oħrajn. **(par. 3)**

Lil Cassie Alla ħelishielha. Imma ħadd ma seta' jifhem minn fejn kienu qed jaqgħu dawn il-biċċiet. Kellhom jgħaddu diversi ġranet qabel ma l-esperti ħarġu bi spjegazzjoni. **(par. 4)**

Wieħed mill-investigaturi skopra li ftit 'il bogħod minn dan ir-raħal kien hemm post fejn jitrabbew it-tiġieġ. Dawn kienu jinqatlu sabiex jinbiegħu. Gawwi kbir kien jinżel u jisraq biċċiet kbar ta' tiġieġ imqatta' u jtir bihom. **(par. 5)**

Aktarx li xi gawwi **żaqqieq** seraq biċċiet kbar wisq għalih. Mat-triq dan il-gawwi għejja u reħa l-biċċa tiġieġa li kien qed iġorr. Waħda minn dawn il-biċċiet niżlet fuq ras Cassie u kważi qatlitha. **(par. 6)**

Bla mistenni Cassie setgħet **baqgħet sejra għand Alla**! **(par. 7)**

Addattament mis-sit **WEIRD NEWS** *Raw Chicken Rains Down From The Sky*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** **…ka)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.**

**1.** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | It-tfajla għandha tlettax-il sena. | **veru** | **falz** |
| **b.** | Il-pulizija bdiet tistħarreġ il-każ tat-tiġieġ. | **veru** | **falz** |

**(marka l-waħda)**

**2.** X'għamlet Cassie wara li ħarġet iż-żiemel mill-istalla? **(par. 2)**

____________________________________________________________________ **(marka)**

**3.** Xi kemm għadda ħin minn meta Cassie bdiet il-lezzjoni sa ma laqtitha biċċa tiġieġa? **(par. 2)**

____________________________________________________________________ **(marka)**

**4.** X'ġaralha t-tfajla wara li ntlaqtet mit-tiġieġa? **(par. 2)**

____________________________________________________________________ **(marka)**

**5.** Imla l-vojt bil-kliem li jagħmel sens, skont is-silta:

Il-____________ tiġieġa li laqtet lil Cassie kienet ____________. Ħadd ma seta' ____________ minn fejn beda jaqa' dat-tiġieġ. L-esperti damu xi ____________ sakemm ħarġu bi spjegazzjoni.

**(marka l-waħda)**

**6.** Fisser l-espressjonijiet b'linja taħthom f'dawn is-sentenzi meħudin mis-silta:

**a.** "Mad-daqqa wiċċha sar **<u>isfar mewt</u>**, intilfet minn sensiha u waqgħet minn fuq iż-żiemel." **(par. 2)**

____________________________________________________________________ **(marka)**

**b.** "Cassie setgħet **<u>baqgħet sejra għand Alla</u>**!" **(par. 7)**

____________________________________________________________________ **(marka)**

**7.** Fisser il-kelma "**żaqqieq**" **(par. 6)**: ________________________________________ **(marka)**

**8.** Għaliex kien hemm ħafna gawwi fl-inħawi?

____________________________________________________________________ **(2 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B. Il-Grammatika** **ki)**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Agħżel l-**artiklu** x-xieraq. | (**It- / T- / Il-**) tfajla kien jisimha Cassie. |
| **2.** | Agħżel il-**partiċella** t-tajba. | Il-pulizija damu għaddejjin (**bl- / bis- / b'**) istħarriġ. |
| **3.** | Imla l-vojt b'**nom** mill-għerq **d-q-q**. | Bid-_____________ li ħadet Cassie stordiet. |
| **4.** | Agħti l-**għerq** tan-**nom** tas-sentenza. | Saret **serqa** tiġieġ.<br>L-għerq ta' **serqa** huwa _______________. |
| **5.** | Agħżel l-**imperattiv (kmand) plural** ta' **xtara**. | It-tabella tar-razzett tgħid: "Idħlu u ___________ l-aqwa tiġieġ." |
| **6.** | Imla l-vojt b'verb fil-**futur** minn **żamm**. | L-awtoritajiet se ___________ l-gawwi milli jisraq aktar tiġieġ. |
| **7.** | Agħti l-verb fil-**perfett (passat)** mill-għerq **s-j-b.** | L-investigaturi damu biex ___________ x'kien ġara. |
| **8.** | Agħżel il-verb fl-**imperfett (preżent)** it-tajjeb. | Fir-razzett (**jrabbu / irabbu / rabbu**) t-tiġieġ. |
| **9.** | Aqta' linja taħt in-**nom propju**. | Cassie kellha tlettax-il sena. |
| **10** | Aqta' linja taħt in-**nom astratt**. | Il-biża' ħakem lin-nies tar-raħal ta' Cassie. |

**(marka l-waħda)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ. Il-Letteratura** **a)**

**Ċi. Il-Poeżija (Nadriet 1 ta' Tarċisju Zarb)** **(10**

**1.** Din hija silta mill-poeżija **Tifħira lil Malta** ta' **Ġan Anton Vassallo**.

**U xi ngħid mill-għasel tiegħek,**
**liema bniedem ma jfaħħrux?**
**Jekk iduru d-dinja kollha**
**<u>oħla</u> minnu ma jsibux.**

**a.** Mis-silta, aqta' linja taħt **ŻEWĠ** kelmiet li jirrimaw.

**b.** Fis-silta, l-istrofa li tidher għandha **(tliet versi / erba' versi / ħames versi)**.

**ċ.** Fis-silta l-kelma "**oħla**" tfisser li l-għasel huwa **(aktar ħelu / aktar għoli / aktar maħlul)**.

**(marka l-waħda)**

**2.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Fil-poeżija **Lil Ommi**, il-poeta juża sikwit il-kelma | | raqqadni. |
| | | | fissidni. |
| | | | benninni. |
| **b.** | Fil-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem**, il-qaddis jiltaqa' ma' | | kaċċatur. |
| | | | patri. |
| | | | tfajjel. |
| **ċ.** | Fil-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett**, il-poeta jisma' l-kliem minn fomm ħarruba | | xiħa. |
| | | | żagħżugħa. |
| | | | mejta. |
| **d.** | Fil-poeżija **Ritratt ta' Toninu man-Nanna**, il-poeta jqabbel lit-tfajjel ma' | | xitla u warda. |
| | | | sħaba u qasba. |
| | | | qalziet u sidrija. |

**(marka l-waħda)**

**3.** Aqta' linja taħt **WAĦDA** mill-poeżiji t'hawn taħt u ikteb fuq kif u għaliex laqtitek.

***distanza* – Tarċisju Zarb, *Il-Ħerża* – Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* – Ružar Briffa, *Dik Mewġa!* – Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* – Victor Fenech, *Raħal Twelidi* – Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies Tal-Fanali* – Anton Buttigieg, *Xita* – Mary Meylak.**

F'din il-poeżija laqatni ħafna ____________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**(3 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċii. In-Novelli (Stejjer tal-Linka ta' Tarċisju Zarb)** **ki)**

**1.** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a. i.** | Fl-istorja **Tarċisinu**, it-tifel kien distratt. | **veru** | **falz** |
| **ii.** | F'din l-istorja Tarċisinu jintilef fid-dar. | **veru** | **falz** |
| **b. i.** | Fl-istorja **Jason Grima**, it-tifel kien sinjur. | **veru** | **falz** |
| **ii.** | F'din l-istorja Jason bravu ħafna fil-Ġeografija u t-Teknoloġija. | **veru** | **falz** |

**(marka l-waħda)**

**2.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | F'**L-Istorja ta' Jo**, it-tfajla ssib diffikultà biex | | taqra. |
| | | | torqod. |
| | | | tiġri. |
| **b.** | Fl-istorja **Il-Kokka u l-Werżieq** il-kokka ssib diffikultà biex | | ittir. |
| | | | torqod. |
| | | | tgħanni. |
| **ċ.** | Fl-istorja **L-Aħħar Merill tad-Dinja** l-awtur jikteb fuq merill li kien | | qed jgħanni għanja. |
| | | | il-ħin kollu jtir qalb is-sħab. |
| | | | mejjet bil-għatx. |

**(marka l-waħda)**

**3.** Agħżel **WAĦDA** minn dawn l-istejjer u ikteb paragrafu ta' mhux iktar minn **30 kelma** dwarha.

**Jason Grima** **JEW** **L-Istorja ta' Jo** **JEW** **Il-Kokka u l-Werżieq**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**(3 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċiii. Ir-Rumanz (Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi) ki)

StudentBounty.com

**1.** Poġġi wara xulxin skont l-ordni tal-istorja. L-ewwel waħda lesta.

| | |
|---|---|
| Zito qabeż fuq il-bejt u salva ħajjet it-tifel. | |
| Omm it-tifel, Christine, rat lil Zito jsalva lil binha. | |
| Għodwa waħda Zito tela' fuq il-bejt. | **1** |
| L-għada Salvina xandret mar-raħal kollu x'għamel Zito. | |
| Zito ra lit-tifel ta' Christine fil-periklu li jaqa' għal isfel. | |
| Zito ressaq xi mkien ieħor il-ħawt li fuqu kien tela' t-tifel. | |

**(marka l-waħda)**

**2.** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Stefan, Melissa u Spikey ltaqgħu l-ewwel darba ma' Zito fil-ġnien ta' Sant' Anton. | **veru** | **falz** |
| **b.** | Zito ġġieled ma' Hector minħabba ċ-ċajta goffa li dan tal-aħħar kien għamel bil-kanarin ta' Lorella. | **veru** | **falz** |
| **ċ.** | Katya tilfet id-dawl t'għajnejha bid-daqqa li ħadet mingħand missierha meta waqa'mis-sellum. | **veru** | **falz** |
| **d.** | Lil Zito għamlulu passaport falz Ingliż biex jaħbu l-identità tiegħu. | **veru** | **falz** |
| **e.** | Rocky Rospo u Saborra qaflu lil Zito fil-mitħna ta' Sidor. | **veru** | **falz** |

**(marka l-waħda)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D. Il-Kitba** **(26 mar**

**Di. Il-kitba funzjonali** **(6 marki)**

Ikteb **ittra elettronika** ta' **madwar 40 kelma** lill-kumpanija tal-mowbajls MOTIA 410 u itlobha informazzjoni dwar xi prodott li rajt reklam tiegħu fuq it-televixin. Ikteb is-suġġett u kompli l-ittra elettronika. Fuq il-lemin tal-karta għandek kolonna b'xi għajnuniet li tista' tużahom.

| | |
|---|---|
| **Lil:** | info_motia_410@poste.mt |
| **Mingħand:** | cassar_2000@warda.mt |
| **Is-Suġġett:** | ____________________ |

Sinjur/a,

Għadni kif rajt reklam fuq it-televixin tal-mowbajl il-ġdid li l-kumpanija tiegħek għadha kemm ħarġet fis-suq. Qed niktiblek din l-ittra biex jekk jogħġbok tibgħatli aktar informazzjoni fuq il-mowbajl.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Filwaqt li nirringrazzjak tal-għajnuna tiegħek, inselli għalik.

Dejjem tiegħek,
J. Cassar

**Għajnuniet**



**Tista' tistaqsi dwar:**

- **x'fih speċjali dan il-mowbajl**
- **x'kuluri hemm**
- **kemm jiswa**
- **minn fejn tista' tixtrih**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Dii. Il-Komponiment** **ka)**

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **100 kelma** fuq pprovduti. Taħt kull titlu għandek xi għajnuniet li tista' tużahom.

| | |
|---|---|
| **1.** | **Vaganza li nibqa' niftakar.**<br>*Meta mort? Ma' min mort? Fejn mort? Iddeskrivi kif kienet il-vaganza.* |
| **2.** | **Kien il-Ħadd waranofsinhar. Ħriġt mixja ma' sħabi taċ-Ċentru meta ... Kompli din l-istorja.**<br>*Fejn kontu sejrin? X'rajtu u xi smajtu? Xi ġralkom fit-triq? Kif spiċċat l-istorja?* |
| **3.** | **X'nixtieq insir la nikber.**<br>*Liema xogħol tixtieq taqbad? Għaliex tixtiequ dan ix-xogħol? Kif qed tipprepara lilek innifsek għalih? X'taralu sabiħ u ikrah dan ix-xogħol?* |

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Komponiment numru __________( Agħżel 1, 2, jew 3)**

StudentBounty.com

**TMIEM IL-KARTA**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers